# L-NCPE titlob għal iktar responsabbiltà fi stqarrijiet pubbliċi rigward l-immigranti

Il-Kummissjoni Nazzjonali għal Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) tawgura li fis-sena li ġejja jkun hemm iktar responsabbiltà fi stqarrijiet pubbliċi li jikkonċernaw l-immigranti, partikolarment minn persuni pubbliċi. Diskussjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni, id-dinamika u l-ġestjoni tagħha huma essenzjali f'soċjetà demokratika u din id-diskussjoni ċertament se tkompli tkun prijorità fl-2019. Iżda, dawn id-diskussjonijiet għandhom dejjem ikunu bbażati fuq l-idea li l-migranti huma nies bi drittijiet umani u b'dinjità bħal kulħadd, u li huma parti integrali mis-soċjetà tagħna.

L-NCPE tinnotta li ħafna drabi, l-immigranti huma mneżża mill-umanità tagħhom fid-diskors pubbliku. Hemm sitwazzjonijiet fejn l-immigranti jiġu rappreżentati b'mod sterjotipiku, u jsiru ġeneralizzazzjonijiet estremi dwar l-esperjenzi u l-imġiba tagħhom, jew biss il-preżenza tagħhom f'lokalità tiġi kkunsidrata bħala "problema". Dan iwassal biex gruppi soċjali sħaħ jiġu kkunsidrati bħala theddida sempliċiment minħabba l-kulur tal-ġilda jew il-kultura tagħhom. Tali deskrizzjonijiet, speċjalment meta ġejjin minn persuni pubbliċi, għandhom impatt soċjali negattiv għax dawn ikomplu jkabbru d-distanza soċjali, jiggravaw it-tensjonijiet soċjali u jxekklu t-triq lejn l-inklużjoni. Filwaqt li l-isfidi marbuta mal-migrazzjoni għandhom ikunu mgħarrfa u indirizzati, diskors allarmista, li ma jirreflettix ir-realtà tal-ħajja, joħloq ambjent negattiv u ostili għal kulħadd.

Fl-2019, l-NCPE tixtieq tara dibattitu fuq l-migrazzjoni li jinkludi diskussjoni kalma u razzjonali dwar l-isfidi f'dan il-qasam, iżda li wkoll jirrikonoxxi l-kontribuzzjoni soċjali, kulturali u ekonomika tal-immigranti f'Malta.